

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Guangdong Haomei New Materials Co. Ltd u Guangdong King Metal Light Alloy Technology Co. Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Guangdong Haomei New Materials, Guangdong King Metal Light Alloy Technology, il-Kummissjoni u Airoldi Metalli SpA għandhom kull wieħed minnhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talba għal intervent.

(¹) ĠU C 390, 16.11.2020.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Diċembru 2021 – Guangdong Haomei New Materials
u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-725/20) (¹)

**(“Dumping – Importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina – Att li jimponi dazju
antidumping provviżorju – Att li ma jistax jiġi appellat – Att preparatorju – Inammissibbiltà – Dazju
antidumping definittiv – Tmiem tal-interess ġuridiku – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2022/C 119/61)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Guangdong Haomei New Materials Co. Ltd (Qingyuan, iċ-Ċina), Guangdong King Metal Light Alloy Technology Co. Ltd (Yuan Tan Town, iċ-Ċina) (rappreżentanti: M. Maresca, C. Malinconico, D. Guardamagna, M. Guardamagna, D. Maresca, A. Cerruti, A. Malinconico u G. La Malfa Ribolla, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Luengo, P. Němečková u F. Tomat, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, prinċipalment, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1428 tat-12 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2020, L 336, p. 8), u, sussidjarjament, tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Guangdong Haomei New Materials Co. Ltd u Guangdong King Metal Light Alloy Technology Co. Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 44, 8.2.2021.